MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 305/2007

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:-

1. Illi l-esponenti zzewweg lill-konvenuta fl-ewwel (1) ta’ Novembru 2002, mill-liema zwieg ma twildux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dritt u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b’ mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

5. Illi l-imsemmi zwieg qatt ma gie kkunsmat.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikoli 19A u/jew 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gjudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta’ Novembru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta’ Novembru 2002 meta allura l-attur, cittadin malti kellu 49 sena u l-konvenuta, cittadina bulgara, kellha 39 sena u wara li kienu ltaqghu f’ Settembru ta’ l-istess sena.

L-attur jispejga li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta f' Settembru 2002 u wara ftit dina talbitu sabiex jizzewwigha peress li xtaqet tibqa' Malta, u f' dak iz-zmien il-Bulgarija ma kinitx ghadha membru ta' l-Unjoni Ewropea. Jghid li, ghalkemm ma kellux grazzja maghha, huwa accetta li jizzewwigha biex jaghmlilha pjacir; u di fatti la qabel iz-zwieg u lanqas wara huma qatt ma kienu intimi. Wara c-cerimonja civili taz-zwieg huma marru jiehdu café u sussegwentement hallew lil xulxin. Wara ftit xhur l-attur mar jghix fir-Renju Unit.

Fl-affidavit tieghu l-attur jghid: " I also confirm that during my acquaintance with her, both before and after marriage, we never slept together and never made love to each other. Consequently our marriage was never consumed. I also confirm that we never made or discussed any plans regarding a family life."

Il-verzjoni ta' l-attur issib grad ta' konfort fix-xhieda ta' hutu.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm iz-zewg partijiet esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg civili, izda nternament u b' att tal-volonta' taghhom huma eskludew iz-zwieg in-nifs.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Novembru 2002. L-ispejjez jkunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------